# MARL

## Fuljett maħruġ mill-MARL

## Għad-Dilettanti tar-Radju

## Maltin u Għawdxin

### Numru 3

Awwissu 2005

# Fiċ-Ċentru mhux






# permess tipjip

***

## Mill-Editur

Ħbieb,
Nittama li sibtu l-ewwel żewġ edizzjonijiet ta' dan il-fuljett ta' siwi. It-tweġibiet li kelli s'issa kienu pożittivi u nkoraġġanti.

L-aħħar darba, jiena staqsejt ukoll biex il-membri jagħtuna permess li nippubblikaw id-dettalji tagħhom fil-fuljett tagħna. Iktar tweġibiet huma meħtieġa biex aħna nkunu nistgħu nippubblikaw direttorju ta' dilettanti tar-radju Maltin.

Jekk jogħġobkom ftakru li dan huwa fuljett minn dilettanti tar-radju għal dilettanti tar-radju. Bħal ma huma fil-komunikazzjonijiet bir-radju, is-sehem tagħkom huwa meħtieġ. Inkella jkunu biss komunikazzjonijiet lejn naħa waħda.

Għaliex ma tibgħatulniex informazzjoni dwar kemm ħdimtu pajjiżi fuq frekwenzi partikolari biex aħna nibdew lista?

Għaliex ma tgħidulniex dwar l-ewwel QSO bejn Malta u pajjiżi oħra fuq il-frekwenzi favoriti tagħkom?

Ħdimtu xi DX eżotiku waqt li kontu mobile jew portable?

Għamiltu xi esperimenti b'apparat jew antennae li għamiltu inthom stess? Kif sibtu l-propagazzjoni fuq frekwenzi differenti? Ibgħatulna d-dettalji sabiex aħna nkunu nistgħu nippubblikawhom

Huwa meħtieġ li niktbu kollox biex qarrejja futuri jkunu jafu li 9H1XXX għamel xi ħaġa li kien jistħoqqilha tibqa' tissemma għal għanijiet storiċi.

Bħal ma ngħidu fi ċrieki legali, *verba volamt scripta manent*. Jiġifieri, tfisser bejn wieħed u ieħor li jekk hija mitkellma ttir (tintilef), jekk hija miktuba tibqa'.

Aqbdu t-tastiera u ibdew iktbu. 73 u 88 sakemm nerġgħu niltaqgħu..

Lawrence
9H1AV / 9H9MHR

***

## Nifirħu

Nifirħu lil dawn li għadhom kif għaddew mill-eżami biex jiksbu liċenzja ta' dilettanti tar-radju. Dawn huma,

| | |
|---|---|
| Paul Bonello | 9H5?? |
| David Xuereb | 9H5?? |
| Stephen Cesare | 9H1?? |
| Raymond Abela | 9H1RA |
| Stephen Fenech | 9H5PH |
| Joseph Borg | 9H5?? |

## Għall-Istorja ta' l-10Ghz

Għall-istorja ta' l-10 Ghz nixtiequ ninfurmawkom li Fortunato Bonnici 9H1ES, u Joseph Falzon 9H1VW, kellhom kuntatti ma' Vicente EA5YB, nhar il-Ħadd 17 ta' Lulju 2005. Dawn il-kuntatti kienu fuq l-10 Ghz, 1296 Mhz u 144 Mhz, kienu fuq l-SSB u saru fis-sitta neqsin ħamsa ta' filgħaxija ħin ta' Malta.

L-apparat li ntuża kien dan li ġej:
9H1ES 20 watts TWT Dixx ta' metru u ingħata rapport 59+
9H1VW 200mw dixx ta' 85cm u ingħata rapport 51
EA5YB 5 watts dixx ta' 85cm

Furtu u Joseph kienu ħdejn it-Torri tan-Nadur waqt li Vicente joqgħod Barcelona. Il-komunikazzjonijiet oriġinarjament kienu fuq il-1296 Mhz, imma Vicente qalilhom biex jistennew madwar tliet kwarti sakemm imur fuq muntanja.

Huma wżaw ukoll il-1296 Mhz fejn is-saħħa kienet ta' 6 watts, kif ukoll 144.390 Mhz fejn is-saħħa kienet ta' 5 watts biex jitkellmu. 9H1VW kien qiegħed juża

FT817 u yagi ta' 4 elementi fuq il-144.390Mhz.

Dan ifisser li mhux biss kien hemm komunikazzjoni tajba fuq l-10 Ghz, imma kien hemm ukoll komunikazzjoni tajba fuq il-1296 Mhz u fuq il-144 Mhz.

Nifirħu lil Furtu, Joseph kif ukoll lil Vicente tal-kuntatti li għamlu u nittamaw li dilettanti tar-radju oħra jieħdu l-eżempju tagħhom u jippruvaw ukoll dawn il-frekwenzi.

## Ċentru tal-MARL

Iċ-Ċentru tal-MARL jiftaħ:

| | |
|---|---|
| It-Tlieta | 6.00 p.m. - 8.00 p.m |
| Il-Ħamis | 6.00 p.m. - 8.00 p.m |
| Il-Ħadd | 10.00 a.m. - 12.00 a.m |

## Id-dB's

L-aħħar darba kellna artiklu dwar id-dB minn 9H1AQ. Naħseb li tifsir ieħor ikun tajjeb biex tifhmu aħjar.

L-ewwel nett, għandkom tkunu tafu li l-"**bel**" kienet issemmiet għal Alexander Graham Bell fil-bidu tas-seklu l-ieħor.

Għalhekk, il-qies tal-kejl huwa "**bel**" (**B**), imma kemm minħabba li huwa kejl kbir mhux ħażin u kemm għal raġuni oħra li se naraw, naqsmuha f'għaxriet biex b'hekk ikollna **10** deċibel (**dB**) f'kull bel. B'hekk, **3dB** tfisser li għandna **3** minn **10** ta' bel.

Din l-istess bħal meta naqsmu metru f'kejl iżgħar biex inkunu nistgħu nkejjlu aħjar. Fil-fatt, il-metru naqsmuh f'partijiet iżgħar milli naqsmu l-bel, għaliex naqsmuh f'ċentimetri, li huma parti minn mija ta' metru, u f'millimetri, li huma parti minn elf ta' metru.

Għalfejn nużaw il-logaritmi għall-bażi ta' 10? Jekk inħarsu lejn il-kotba tal-logaritmi li qabel ma daħlu l-kalkolaturi elettroniċi konna nużawhom l-iskola, nistgħu nagħmlu ftit osservazzjonijiet.

Hemmhekk insibu li l-logaritma ta' **10** hija **1**, ta' **100** hija **2**, ta' **1000** hija **3**, ta' **10,000** hija **4**, eċċ, eċċ. Jekk tosservaw tajjeb issibu li n-numru tal-logaritma huwa n-numru ta' zerijiet li jkun hemm fin-numru.

Fi kliem ieħor, jekk nieħdu **10** kwadrat, jiġifieri **10 x 10** li jinkiteb **10**$^{2}$, ir-riżultat ikun **100**. Il-logaritma ta' **10** hija **1**, waqt li l-logaritma ta' **100** hija **2**.

Jekk nieħdu **10** kubat, jiġifieri **10 x 10 x 10** li jinkiteb **10**$^{3}$, ir-riżultat ikun **1000**, li l-logaritma tiegħu hija **3**.

Faċilment tistgħu tosservaw li n-numru **2** u **3** li juru li n-numru **10** huwa kwadrat jew kubat huwa n-numru ta' zerijiet kif ukoll l-logaritma tan-numru kieku kellna niktbu n-numru sħiħ.

Issa jekk nieħdu **10**$^{3}$, jiġifieri **1000**, naraw li dan jiġi **3** bels, li kif tistgħu tindunaw huwa numru kbir ħafna. Biex inħaffu l-kalkolazzjonjiiet, naqsmu l-bel f'għaxra u nużaw dik li issa nsejħulha deċibel.

Issa tistgħu tindunaw ukoll għalfejn il-"**bel**" naqsmuha ukoll f'għaxriet, jiġifieri deċibel jew **dB**.

Kif rajna, il-logaritma ta' **10** hija **1**. Jekk inħarsu lejha b'mod ieħor, jekk "**bel**" inqisuha bħala **1**, hija tiġi l-logaritma ta' **10**. Fi kliem ieħor, **1** huwa l-logaritma ta' **10** deċibel.

Dan ma jfissirx li aħna limitati biss għan-numru **1, 10, 100**, jew numri bħalhom li jispiċċaw biż-żero jew multipli ta' **10**, imma kull darba li nimmultiplikaw numru jkun li jkun b'**10**, il-logaritma tiegħu **<u>tiżdied b'1.</u>**

Min-naħa l-oħra, jekk nieħdu numru jkun li jkun, kull darba li niddividuh b'**10** il-logaritma tiegħu **<u>tonqos b'1</u>**. Aqbdu l-kotba tal-logaritmi u ippruvawha, imma ejja naħdmu żewġ eżempji.

Nimmultiplikaw **20 x 10**
Il-logaritma ta' **20 hija 1.3**
Il-logaritma ta' **10 hija 1**
**20 x 10 = 200**

Logaritma ta' **200 hija 2.3**(01029999..)

Innutaw li jekk ngħoddu l-logaritmi taż-żewġ numru kien ikollna l-istess riżultat.

| | |
|---|---|
| **Logaritma ta' 20** | **= 1.3 +** |
| **Logaritma ta' 10** | **= 1** |
| **Total** | **= 2.3** |

Ejja nieħdu l-istess eżempju bil-kuntrarju,

Niddividu **200 b'10.**
Il-logaritma ta' **200 hija 2.3**
Il-logaritma ta' **10 hija 1**
**200 / 10 = 20**
Logaritma ta' **20 hija 1.3**

Innutaw li jekk inaqqsu l-logaritmi taż-żewġ numru jkollna l-istess riżultat.

**Il-logaritma ta' 200 = 2.3 –**
**Il-logaritma ta' 10 = 1**
**Total = 1.3**

Dawn huma eżempji semplici, imma kieku kellna numri aktar ikkomplikati, aktar kien jidher ċar kemm huwa aktar faċli li tgħodd milli timmultiplika jew tiddividi.

Lawrence 9H1AV / 9H9MHR

## 136 khz

Din il-frekwenza ma nsejnihiex, u qed nerġgħu nitolbuha ħalli d-dilettanti tar-radju Maltin ikollhom frekwenza oħra fejn ikunu jistgħu jikkomunikaw. Aktar pajjiżi qed jagħtu din il-frekwenza lid-dilettanti tar-radju tagħhom.

Infakkrukom li dilettanti tar-radju barranin ingħataw permess li jużaw bejn 135.7 khz sa 137.8 khz.

Mal-lista li tajnikom l-aħħar darba żidu wkoll il-Belarus EU, EV, EW, Awstralja VK, Bulgarija LZ, Ċipru 5B4, Ungerija HA, Islanda TF, Latvja YL, Norveġja LA, LB, LC, LG, LI, LJ, LN.

## 500 khz

Illum għandna aħbar li l-FCC ta' l-Amerika ħarġet l-ewwel callsign lil dilettant tar-radju biex ikun jista' jaħdem fuq il-500 khz, jiġifieri bejn 495 khz sa 510 khz.

Il-permess biex ikun jista' joħroġ fuq l-arja mistenni li jingħata sa' l-aħħar tas-sena, imma l-fatt li diġa' ħarġet callsign ifisser li l-affarijiet bdew jiċċaqilqu.

Min irid aktar informazzjoni jista' jidħol fuq http://500khz.org fejn hemm dettalji tal-liċenzja kif ukoll ta' apparat.

Min-naħa tagħna se nagħmlu dak kollu li nistgħu biex anki aħna ningħataw din il-frekwenza, imma kif tafu, l-affarijiet hawn Malta jimxu bħall-bebbuxu.

## 5 Mhz

L-aħħar darba għidnilkom dwar kif dilettanti tar-radju f'pajjiżi oħra ingħataw peremess jużaw frekwenzi fuq il-5Mhz biex ikunu jistgħu jesperimentaw hemmhekk, l-aktar fuq sinjali li jintbagħtu b'angolu ta' trasmissjoni għoli.

Waqt li dilettanti tar-radju Amerikani, Ingliżi, Norveġiżi u pajjiżi oħra ingħataw dawn il-frekwenzi, tajjeb li tkunu tafu li aktar kmieni din is-sena bdew jinħarġu l-permessi anki fl-Afrika. G8WVW li huwa liċenzjat bħala ZD8I fil-Gżira Assenxin, kellu wkoll l-ewwel QSO ma' W1JR fuq il-5 Mhz fis-27 t'April li għadda.

Kif diġa' għednilkom, min-naħa tagħna qed nagħmlu ħilitna biex anki aħna ningħataw dawn il-frekwenzi, imma kif tafu biex jiċċaqlaq xi ħaġa hawn Malta jrid ikun hemm terremot jew tsunami.

Nittamaw li ma nibqgħux l-aħħar nies li jkollu jasal il-ġudizzju universali biex ningħataw dak li jingħata ħaddieħor.

## 7 Mhz

Dwar it-tkabbir tas-7 Mhz għal bejn is-7 Mhz u s-7.2 Mhz, qed ukoll inkomplu nagħmlu ħilitna biex ningħataw dan it-tkabbir.

Min jaħseb li bejn is-7.1 Mhz u s-7.2 Mhz ma jkun hemm xejn ħlief stazzjonijiet kummerċjali għandu jissemma daqsxejn f'ħinijiet differenti għaliex l-iskeda tal-programmi tagħhom tfisser li ma jkunux hemmhekk il-ħin kollu.

## 70 Mhz

Dwar din il-frekwenza diġa' konna tlabna permess, imma bħas-soltu ġie miċħud minħabba li fuq frekwenzi fil-viċin hemm il-Forzi Armati li s'issa jidher li għadhom ma jridux jiċċaqilqu.

Aħna se nibqgħu nsusu wara l-awtoritajiet ħalli forsi fl-aħħar ningħataw permess nużaw din il-frekwenza.

## 50 Mhz

Kull min huwa interessat fil-50 Mhz jinteressah li jkun jaf li 65 dilettant tar-radju Ungeriż huma awtorizzati biex jaħdmu fuq il-50 Mhz għall-ewwel darba.

Huma se jaħdmu biss matul Awissu bħala prova biex jaraw jekk jikkawżawx QRM lil stazzjonijiet tar-radju tax-xandir. Huma jistgħu jużaw bejn 50.05 to 50.5 Mhz.

HA5AK qed jippjana li jħaddem bijkin fuq 50.050 Mhz.

Kulħadd jittama li l-esperimenti jirnexxu u li l-frekwenza tingħata għall-dejjem lid-dilettanti tar-radju Ungeriżi.

## L-UGGERUMF

Dak li għedna dwar il-Wouffħong u r-rettisniċċ kien japplika b'mod ġenerali għall-operaturi kollha.

Madankollu, kif jaf kulħadd, hemm modi differenti kif dilettanti tar-radju jikkomunikaw bejniethom. Fost il-mezzi wżati hemm dak tas-CW, jiġifieri komunikazzjoni bil-kodiċi Morse.

Kif jaf kull min xi darba ħadem bil-kodiċi Morse, hemm min jibgħat il-morse qisu xi magna, kollox perfett, waqt li hemm oħrajn li jkunu qishom qegħdin jibgħatu b'saqajhom tax-xellug. Ma dawn hemm ukoll dawk kollha li jaqgħu f'kull livell bejniethom.

Dawk li kienu jibgħatu Morse ħażin kienu jgħidulhom "GĦATU", bl-Ingliż "LID". Minn fejn ġiet din l-espressjoni?

Skond informazzjoni li sibt fuq www.qrz.com, din l-espressjoni tnisslet minn dik is-sistema fejn in-nies kienu jġemmgħu l-għotjien tal-pakketti jew bottijiet u kienu jibdluhom ma xi ħaġa.

Dawk l-affarijiet li kienu jinbidlu ma' l-għotjien ma kienux ikunu xi ħaġa ta' klassi, imma kienu jkunu sempliċiment affarijiet biex dak li jkun ġemma l-għotjien kien jingħata xi ħaġa.

Għalhekk, min ma kienx jaf jibgħat il-kodiċi Morse tajjeb kien jissejjaħ "**GĦATU**" għaliex kien ikun meqjus bħal li kieku jkun ġemma l-għotjien u bidilhom mal-liċenzja tiegħu. B'hekk, ma jkunx ingħata liċenzja għaliex kien tassew tajjeb, imma għaliex kien bidilha ma' l-għotjien tal-pakketti jew bottijiet.

Jidher li kien hemm numru mhux ħażin ta' operaturi li ma kienux jafu jibgħatu l-kodiċi Morse tajjeb, u din il-biċċa kienet dejjqet sewwa lil min għalih il-kodiċi Morse kien qisu arti.

Għaldaqstant, bħal ma kienu ġew ivvintati jew misjuba l-Wouffħong u r-Rettisniċċ, kien hemm ħtieġa li tinstab xi ħaġa biex dawk imsejħa "**għotjien**" jieħdu dak li ħaqqhom. Għal dan il-għan kienet ġiet misjuba dik li ssejħet "**UGGERUMF**", li ritratt tagħha jinsab hawn taħt.



Ritratt minn fuq il-paġna ta' l-ARRL

Jekk il-Wouffħong u r-Retisniċċ kienu strumenti ta' tortura terribbli, m'hemmx dubju li l-"Uggerumf" kien strument tat-tortura xejn anqas minnhom.

Dawk li jużaw il-kodiċi Morse għandhom joqgħodu attenti u jipprattikaw sewwa ħalli ma jingħatawx xi rigal bħal dan.

## Propagazzjoni

Hawn min jaħseb li minħabba li qegħdin fil-livell baxx taċ-ċiklu tax-xemx ma jkunx hemm propagazzjoni tajba, speċjalment fuq it-28 Mhz. Min jaħseb hekk qiegħed jaħseb ħażin.

Barra li kien hemm numru kbir ta' dilettanti fuq din il-frekwenza, kien hemm ukoll numru ta' stazzjonijiet awtomatiċi li kienu qed jinstemgħu diversi drabi u li lista tagħhom tinsab aktar 'l isfel.

Għaldaqstant, hija prattika tajba li kull meta tkunu qed taħdmu fuq xi frekwenza oħra, tissemmgħu ukoll fuq it-28 Mhz. Fejn m'hemmx hin jew frekwenza ghax insejt inniżżilhom. F = +-1khz minħabba li ġieli ma nkunx ikkalibrajt l-iskala.

| | |
|---|---|
| **26.06.2005** | **1500 sa 1600 UTC** |
| SV3AQR/P | JN44VC 28.183 Amalias |
| I1M | JN33UT 28.180 QSL via IK1PCB |
| IY4M | 28.195 (Robot) |
| DL0IGI | JN57MT 28.204 |
| IQ8CZ/B | JM88HV 28.229 10w GP |
| IQ1SP/B | 28.218 3w GP |
| F3TMJ/B | JN03SM 28.243 5w |
| DK0TEN | JN47NT 28.257 QSL DL7KH |
| DF4PV/P | JV49AX 28.173 5w GP |
| IT0DTU/B | JM75SD 28.245 Messina 10w GP |

| | |
|---|---|
| **01.07.2005** | **0415 – 0430 UTC** |
| I1M | JN33UT 28.180 (Marconi mem) |
| DL0IGI | JN57NT 28.204 0418 |
| DK0TEN | JN47NT 28.256 20w GP |
| F5KCK/Robot | 28.110 0430 |

| | |
|---|---|
| **02.07.2005** | **1100 – 1115 UTC** |
| DF0AAB | 28.227 |
| EA4DAT | IN80VB 28.262 Cuenca 5w GP |
| SV3AQR/B | 28.183 Amalias |

| | |
|---|---|
| **04.07.2005** | **1930 UTC** |
| OH5RAC | KP30HV 28.231 |

| | |
|---|---|
| **05.07.2005** | **1920 – 2000 UTC** |
| OK0EG | 28.281 10w 1920 |
| DF0AAB | 28.277 1930 |
| IY4M | 28.194 1930 |
| PA0RSR | |
| OM4OIJ | 1w |
| DF4PV/P | JV49AX 28.173 5w GP |
| DK0TEN | JN47NT 28.256 20w GP QSL via DL7KH |
| DL5KZ | QRPP 28.320 |
| IS0GSR | JM49ON 28.320 |
| F5TMJ/B | JN03SM 28.243 5w |
| SV3AQR/B | 28.183 Amalias |
| 5B4CY | 28.220 |
| IQ1SP/B | JN44VC 28.219 3w GP |
| IK1PCB | JN33UT 28.180 |

| | |
|---|---|
| **07.07.2005** | **1945 – 2010 UTC** |
| HA5BHA | JN97PL 28.223 5w |
| PY3PSI | UU49KX 28.249 2w |
| DK0TEN | JN47NT 28.256 20w GP QSL via DL7KH |
| OH9TEN | KP36OI 28.266 |
| EA4DAT | IN80VB 28.262 Cuenca 5w GP |
| OK0EG | 28.281 10w |
| F5TMJ/B | JN03SM 28.243 5w |

| | |
|---|---|
| **15.07.2005** | **Bejn 1500 u 1600** |
| DF4PV/P | JV49AX 28.173 |
| I1M | JN33UT 28.180 QSL via IK1PCB |
| IY4M | 28.195 (Robot) |
| DL0IGI | JN75MT 28.204 |
| GB3RAL/B | IO91IN 28.215 |
| IQ1SP/B | IN44VC 28.219 3w omni |
| DK0TEN | JN47NT 28.257 20w GP QSL via DL7KH |
| EA4DAT | IN80VB 28.263 5w GP Cuenca |
| DF0AAB | 28.277 |
| OK0TEN | 28.282 10w |
| IS0ATZ | JM49HV 28.001 5w vert |

**17.07.2005 0700 – 0800 UTC**

| | |
|---|---|
| F5KCK/Robot | 28.109 |
| SV3AQR/B | 28.181 |
| DK0TEN | 28.256 JN47NT |
| OK0EG/Beacon 10w | |
| GB3RAL | IIO91IN 28.216 1640 |

Dawn kienu biss ftit eżempji ta' x'qiegħed jinstema fuq it-28 Mhz. DX ikun hemm ukoll.

Tinsewx li waqt li f'jum minnhom ma kien hemm lanqas tebgħa waħda fuq wiċċ ix-xemx li jħares lejn id-dinja, l-għada, jiġifieri fl-4 ta' Lulju, kien hemm aktar minn 190 waħda. Dan minkejja li qiegħdin fl-inqas livelli taċ-ċiklu ta' 11-il sena.

Din is-sitwazzjoni irrepetiet ruħha mit-18 sa l-20 ta' Lulju, fejn ma kienx hemm lanqas tebgħa waħda fuq wiċċ ix-xemx li jħares lejn id-dinja.

Issa kien mistenni li jerġa' jkun hemm dawk it-tebgħat, għaliex tridu tiftakru li

dawk jerġgħu jidhru kull 28 jum. Għalhekk, għall-bidu ta' Awissu, aktarx bejn l-1 u l-5 ta' Awissu, kien mistenni li jerġa' jkun hemm numru kbir ta' tebgħat

Għalhekk, minflok ma wieħed joqgħod jissemma biss aħjar jibda jsejjaħ, għaliex jidher li n-nies aktar jissemmgħu milli jsejjħu. B'hekk ħadd ma jisma lil ħadd għaliex ħadd ma jkun qiegħed jittrasmetti.

## Kalkulaturi

Ħafna nies, speċjalment dawk li għadhom żgħar, illum jużaw kalkulaturi elettroniċi. Aktarx li dawn ma jafux li anki qabel kien hemm kalkulaturi biex jgħinu lin-nies fil-kalkoli tagħhom, imma li ma kienux elettroniċi. Fil-fatt, wieħed mill-ewwel kalkulaturi kien l-abakus.



Wieħed mill-kalkulaturi li dawk li għandhom ftit taż-żmien jiftakru hija riga li kien ikollha parti minnha timxi jew iddur biex tkun tista' tagħmel il-kalkulazzjonijiet meħtieġa.

Dawn kienu jkunu f'forom differenti u magħmula għal kalkulazzjonijiet differenti skond il-ħtieġa. Biex tkunu tafu kif kienu jkunu u kemm kien hemm rigi differenti nissuġġerilkom li taraw dawn il-paġni ta' l-internet li ssibu l-ħoloq għalihom hawn taħt, li waħda minnhom hija dwar l-abakus. Huma paġni nteressanti ħafna.

http://www.ee.ryerson.ca:8080/~elf/abacus/index.html
http://www.sphere.bc.ca/test/sruniverse.html
http://www.stupid.com/stat/SLID.html
http://www.hpmuseum.org/srinst.htm

L-istampa li ġejja hija meħudha minn fuq paġna minnhom u turi waħda minn dawn ir-rigi. Jekk tikkuppjaw l-istampa u tiftħuha bil-browser ta' l-internet tarawha animata.




## Għerf Ibbotiljat

"M'huwiex stramb li l-istess nies li jidħqu b'dawk li jaqraw ix-xorti jieħdu lill-ekonomisti bis-serjeta'." Misjuba x'imkien

## QRP ATU

Min jinħtieġ xi QRP ATU jista' jikkopja din li hawn hawn taħt. Din tinsab fuq ħolqa li hemm fuq http://500kc.com



## 9H – QSL Bureau

**Daħla**
Kartolini QSL jipprovdu konferma bil-miktub ta' QSO, bid-dettalji tal-kundizzjonijiet tal-komunikazzjoni speċifika. Dawn ilhom jiġu wżati sa minn meta stazzjonijiet tad-dilettanti tar-radju bdew jikkomunikaw ma' xulxin.

Dawn il-kartolini spiss ikollhom informazzjoni oħra u ritratti dwar l-istazzjon tat-trasmissjoni, l-operatur, il-post, u jistgħu jinġabru minn kollezzjonisti. Madankollu, l-għan ewlieni tagħhom huwa li jkunu ta' prova garantita ta' QSOs għall-għan ta' certifikati ta' kisbiet ta' komunikazzjoni.

Bħalissa aktarx li hemm madwar 10 miljun kartolina mibgħuta minn dilettanti tar-radju lil xulxin fis-sena. L-ispiża biex jiġu stampati u mqassma l-kartolini QSL tista' ssir spiża kbira ħafna għal dilettant tar-radju. Għalhemm, għaqdiet magħrufa mill-IARU kienu mħeġġa biex joħolqu buro tal-QSL għal pajjiżhom stess.

Billi jiggruppaw il-kartolini tal-membri tagħhom, il-buro jistgħu effettivament joffru servizz postali speċjalizzat li sostanzjalment ibaxxi l-ispiża milli kieku jintbagħtu direttament individwalment.

Il-buro tal-QSL 9H, imħaddem mill-MARL, għandu l-għan li jipprovdi dan is-servizz lill-membri tagħha mingħajr qligħ. Huwa jiffinanzja lilu nnifsu mingħajr ma jiddependi fuq il-finanzi ta' l-għaqda.

**Kartolini għall-Barra**

MARL timmira li tibgħat il-kartolini tal-membri lil kull buro li huwa approvat mill-IARU (hemm madwar 160 madwar id-dinja) mill-inqas fit-tliet xhur ta' wara.

L-ispejjes huma maħsuba li jinġabru mill-ħlas wieħed għal kull kartolina; bolla speċjali tal-MARL ta' 3c hija meħtieġa li titwaħħal fuq kull kartolina mibgħuta.

Analiżi magħmula ftit ilu dwar il-movimenti tal-kartolini wriet li għandu jsir ħlas iktar xieraq. Il-ħlas għandu jkun imsejjes fuq id-destinazzjoni ta' kull kartolina (kif tagħmel il-Maltapost). Dettalji ta' dan il-mekkaniżmu u l-ispejjeż jingħataw dalwaqt.

**Kartolini li nirċievu**

MARL tirċievi kartolini għad-dilettanti tar-radju li għandhom nominattiv 9H, jew mill-buro tal-QSL tagħhom jew direttament. Dawn il-kartolini jridu jiġu magħżula u mqassma fil-kaxxi tal-membri fiċ-ċentru ta' l-għaqda biex jinġabru.

Din l-attivita'tieħu ħafna ħin għaliex ħafna kartolini (>35%) li nirċievu jidhru li ma jistgħux jitwasslu. Kartolini li ma jistgħux jitwasslu jistgħu jkunu ġew mibgħuta ħażin (mhux għal Malta) jew indirizzati lil xi ħadd mhux membru (jew nominattiv 9H mhux magħruf / invalidu).

Jidher li mhux sewwa li hemm daqstant każi fejn dilettant minn barra jibgħat kartolina bi spejjeż tiegħu aħna ma nkunux nistgħu nwassluha. Jiena nħeġġeġ lil kull min għandu nominattiv 9H li m'humiex membri biex jagħmlu arranġamenti ma' l-għaqda dwar kartolini indirizzati lilhom.

Personalment qiegħed nipprova wkoll nidentifika u nikkuntattja lin-9H3's biex jiċċaraw is-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Jekk xi ħadd jista' jgħin, jekk jgħoġbu jagħtini l-informazzjoni dwar każi speċifiċi li jaf bihom.

**Kartolini QSL Elettroniċi**

Il-kompjuter illum sar għodda kważi essenzjali fil-kamra tad-dilettant tar-radju. Fost użu ieħor jista' jkollu parti importanti biex tinżamm il-log ta' l-istazzjon.

Jintużaw ħafna programmi differenti (ara www.ac6v.com/logging), ħafna minnhom jistgħu jagħmlu QSL's. Aktarx li nofs il-kartolini li nirċievu jkollhom id-dettalji tal-QSO stampati fuqhom b'dawn il-programmi (sikwit bħal karti li jeħlu). Minn hemmhekk huwa biss pass żgħir biex tistampa l-kartolina kollha.

Madankollu dan huwa relattivament għali u sikwit jiġi kkritikat li jiftaħ triq għall-falsifikazzjoni mingħajr kontroll tal-kartolini QSL.

Xi dilettanti li għandhom l-internet jibgħatu kartolini QSL biex jiġi stampati minn min jirċevihom. Dan inaqqas l-ispejjeż, imma ma jindirizzax is-sitwazzjoni tal-kartolini foloz.

Biex jitneħħa dan it-tħassib, fl-aħħar snin inħolqu numru ta' "buro tal-QSL elettroniċi", li jaraw l-awtentiċita' ta' QSOs irrapurtati elettronikament billi tinzamm informazzjoni ta' dawk li jikkomunikaw bejniethom.

Dawn iħallu wkoll li jintagħżlu l-QSOs, jiġu merfuha, verifikati, jinżammu l-kredenzjali għal ċertifikati kif ukoll li jiġu stampati kopji tal-kartolini QSL awtentikati jekk ikunu meħtieġa.

Issa li l-internet qiegħda taħdem aħjar, dawk id-dilettanti tar-radju speċjalment dawk li huma mqabbda l-ħin kollu, jistgħu jwaqqfu ħoloq diretti bejn il-logs tal-QSOs u dawn il-"buro tal-QSL elettroniċi".

Mhux rari li jkollok kartolina QSL awtentikata mwassla elettronikament f'10 minuti wara li tispiċċa QSO u tkun tista' tistampaha minnufih jekk tkun tixtieq.

L-esperjenza tiegħi turi li aktar min-nofs il-QSOs tiegħi huma kkonfermati b'din ir-rotta meta nuża e-QSL (www.eqsl.cc).
Robin, 9H1ZZ[1]

### CW

F'ħafna pajjiżi, il-kwalifika tas-CW ġiet imneħħija mill-ħtieġijiet biex dilettanti tar-radju jkunu jistgħu jittrasmettu taħt it-30 Mhz.

Hija ġiet imneħħija wkoll fl-Italja f'Lulju 2005, fejn il-Ministru Landolfi ħareġ digriet li neħħa l-ħtieġa u jħalli dilettanti tar-radju b'liċenzja ta' klassi B japplikaw biex jibdlu n-nominattiv tagħhom.

Dan id-digriet ġie ppubblikat fil-GURI[2] kif meħtieġ mil-liġi u ppubblikat ukoll fuq il-paġna ta' l-internet ta' l-ARI.

Il-Kanada wkoll neħħiet il-ħtieġa tal-kwalifika tas-CW waqt li l-FCC ta' l-USA qed tipproponi li titneħħa din il-ħtieġa.

## Jum Internazzjonali tal-Fanali

L-aħħar darba semmejna li hemm jum il-fanali li jinżamm matul tmiem it-tielet ġimgħa ta' Awissu kull sena. Din is-sena, dan se jkun bejn l-001 UTC tas-Sibt 20 ta' Awissu u 2359 UTC tal-Ħadd 21 ta' Awissu.

Dan ma jfissirx li tridu taħdmu matul il-perjodu kollu, imma kemm tkunu tistgħu jew tixtiequ.

Xi membri tal-MARL ħadu s-suġġeriment tagħna u jixtiequ jagħmlu stazzjonijiet fil-fanali differenti f'Malta. Oħrajn li huma interessati li jingħaqdu magħhom huma mitluba biex ikellmu membri tal-kumitat biex jikkordinaw l-operazzjonijiet kollha.

Jekk jogħoġobkom ftakru li dan mhux kompetizzjoni, għalkemm aktar ma taħdmu stazzjonijiet aħjar.

L-għan ewlieni huwa li taħdmu l-akbar numru ta' fanali / bastimenti, il-pubbliku jkun konxju tal-ħtieġa tal-priservazzjoni u restawr tagħhom, biex inħajjru d-delizzju tar-radju u nkattru r-rieda tajba internazzjonali.

Li taħdem minn fanal ifisser jew mill-fanal innifsu jew immedjatament ħdejn il-fanal, jiġifieri kemm jista' jkun qrib fl-għalqa ta' ħdejh.

L-operazzjonijiet dwar frekwenzi u saħħa tat-trasmettitur huma skond il-liċenzja tiegħek. Biex jgħinu stazzjonijiet oħra, stazzjonijiet tas-cw huma mitluba li jżidu /LT għal fanal u /LS għal bastiment wara n-nominattiv tagħhom.

Għall-informazzjoni tagħkom, aħna qed nerġgħu nippubblikaw il-frekwenzi fejn l-attivita' hija l-aktar imħeġġa, għalkemm kull frekwenza tista' tintuża, anki l-160 metru jekk għandkom spazju għall-antenni.

### CW

| Frekwenzi Mhz | Frekwenza Ċentru Mhz |
|---|---|
| 3.510 – 3.540 | 3.521 |
| 7.005 – 7.035 | 7.021 |
| 14.010 – 14.040 | 14.021 |
| 21.010 – 21.040 | 21.021 |
| 28.010 – 28.040 | 28.021 |

### Kliem

| Frekwenzi Mhz | Frekwenzi Ċentru Mhz |
|---|---|
| 3.650 – 3.750 | 3.721 |
| 7.040 – 7.100 | 7.051 |
| 14.125 – 14.275 | 14.221 |
| 21.150 – 21.250 | 21.221 |
| 28.300 – 28.400 | 28.351 |

[1] Traduzzjoni minn 9H1AV
[2] GURI = Gazzetta Ufficiale della Repubblica Italiana

| Malta | ARLHS No | Lat/Long |
|---|---|---|
| Delimara | MLT001 | 36⁰50'N 14⁰33'E |
| St Elmo | MLT002 | 35⁰54'N 14⁰31'E |
| Ġordan | MLT003 | 36⁰04'N 14⁰13'E |
| Rikasoli B'water | MLT004 | 35⁰54'N 14⁰31'E |
| Forti Rikasoli | MLT005 | |
| Marsamxett | MLT006 | |
| Valletta | MLT007 | 35⁰54'N 14⁰31E |

Jekk jogħoġobkom innutaw li Forti Rikasoli MLT005 u l-fanal ta' Marsamxett MLT006 huma klassifikati bħala storiċi.

Għal aktar informazzjoni u lista ta' dawk li se jieħdu sehem din is-sena fuq http://arlhs.com/awards/M_list.html

## Spazju

Satellita oħra se tkun għad-dispożizzjoni tad-dilettanti tar-radju fi żmien qasir. Din hija satellita kummerċjali Portugiża li se tinqaleb għal dejjem fuq frekwenzi tad-dilettanti tar-radju.

Imtella fil-25 ta' Settembru 1993, fl-1994 kienet ħadmet għal numru ta' ġimgħat fuq frekwenzi tad-dilettanti tar-radju bħala BBS biex iżżomm messaġġi li jintbagħtu aktar tard b'9600 baud FM FSK

Meta se tinqaleb għall-użu dejjiemi tad-dilettanti tar-radju fi żmien ftit ġimgħat, il-frekwenzi lejha jkunu 145.925 u 154.975 Mhz, waqt li dawk lura jkunu 435.075 u 435.275 Mhz.

Matul l-aħħar missjoni tax-xattil lejn l-Istazzjon Spazjali Internazzjonali u waħda mill-mixjiet spazjali, Soichi Noguchi, KD5TVP waħħal pakkett ġdid ta' PCSat2 ma' l-istruttura ta' l-ISI.

Il-pakkett jipprovdi transponditur fuq l-10 metri għall-PSK31 għall-użu ta' aktar minn dilettant wieħed f'daqqa, ripetitur tal-kliem għall-użu possibbli mal-membri ta' l-ekwipaġġ ta' l-ISS, u sistema tal-pakit AX.25 għall-użu bħala diġipiter u għat-telemetrija, kmand u kontroll.

Bruninga, WB4APR jgħid li PCsat2 jista' jkun lest għall-użu fi ftit jiem, imma jitlob lill-istazzjonijiet biex ma jippruvawx jużaw is-sistema qabel ma tiġi ppruvata u titħabbar. Huwa stieden lil stazzjonijiet li għandhom apparat tajjeb biex jgħinu jaqbdu s-sinjali tat-telemetrija tal-bidu fuq il-frekwenza l-isfel alternattiva ta' 437.975 Mhz matul l-ewwel jiem ta' attivita' tal-PCSAt. It-telemetrija tkun fuq 1200 u 9600 baud u kopja tista' tintbagħat bl-e-mail lil pc2@grc.nasa.gov.

Il-frekwenza primarja l-isfel tal-PCSat2 hija 435.275 MHz; il-frekwenza tad-diġipiter tal-pakit 'il fuq u l-isfel hija 145.825 Mhz. Il-ħolqa UHF l-isfel hija biss 1 W u tinħtieġ beam biex tismagħha.

Min irid aktar informazzjoni fuq is-satelliti jista' jagħfas fuq dawn il-ħoloq li ġejjin.

http://www.ew.usna.edu/~bruninga/pcsat.html
http://www.ew.usna.edu/~bruninga/pcsat2.html
http://www.jsc.nasa.gov/ex/ert/materials_International_space_station.htm
http://www.haarp.alaska.edu/haarp/Monitor.html
http://www.iaru.org/satellite/prospective.html

## Indiċi UV

Ħafna nies jisimgħu r-rappport tat-temp u jisimgħu l-indiċi UV, imma jistgħu ma jkunux jafu xi jfissru, jew x'għandhom jagħmlu biex ma jinħarqux bix-xemx.

Barra l-ħruq tax-xemx, hemm il-periklu ta' xi xemxata u ħsara dejjiema li tista' twassal għall-kankru tal-ġilda, li meta jinstab minħabba li jibda juri l-effetti tiegħu aktarx ikun tard wisq.

Għalhekk, iddeċidejt li niġbor xi tagħrif minn għejjun differenti dwar dan l-indiċi u x'għandna nagħmlu biex niskansaw xi xemxata u effetti koroħ oħra, speċjalment għal dawk id-dilettanti tar-radju li jħobbu jmorru jitkellmu minn xi mkien barra.

L-ewwel nett, UV tfisser raġġi Ultra Vjola, li jinqasmu wkoll UVA, UVB u UVC. Raġġi UVC ma tantx iħassbuna għaliex jiġi mixruba mill-atmosfera ta' fuq u ma jilħqux wiċċ id-dinja. Raġġi UVB huma dawk li jaħarqu l-ġilda u jistgħu jagħmlu ħsara lill-għajnejn. Flimkien ma' riħ kiesaħ u borra, il-UVB għandhom il-potenzjal li jikkawżaw għama tal-borra

(fotokeratitis), problema temporanja (bejn 12 u 48 siegħa) imma ta' wġiegħ fil-kornea ta' l-għajn.

Għalkemm mhux l-esperti kollha jaqblu, hemm xi riċerka li tissuġġerixxi li espożizzjoni kuljum għall-UVB f'dawl tax-xemx qawwi fuq perjodu ta' ħafna snin jista' jikkawża kataretti, fejn il-lenti ta' l-għajn tissaħħab.

Raġġi UVA jinxtorbu primarjament mil-lenti ta' l-għajnejn tal-bniedem, għalkemm ma hemmx diżordnijiet dokumentati ta' l-għajnejn mill-UVA. Madankollu, dan jibqa' suġġett dibattut u riċerkat ħafna, tgħid l-Assoċjazzjoni tan-Nuċċalijiet tax-Xema ta' l-Amerika (SAA).

**Indiċi UV**
L-indiċi UV huwa kejl ta' dawl Utravjola tax-xemx li jagħmel ħsara. M'huwiex qies ta' dawl tax-xemx li jidher jew dwar is-sħana tax-xemx.

Il-livell ta' l-indiċi huwa l-għola livell, jiġifieri jiġifieri madwar is-siegħa ta' wara nofs in-nhar.

Il-valuri ta' l-indiċi UV huma validi għal sema ċar u bi ftit sħab.

Livelli UV huma l-għola meta ma jkunx hemm sħab, u sħab ġeneralment inaqqas l-espożizzjoni tal-persuna. Madankollu, ftit sħab jew sħab irqieq għandu ftit effett u jista' anki jkabbar il-livelli UV minħabba tixrid. Titqarraqx minħabba li l-jum ikun imsaħħab jew ikun hemm riħ frisk. Anki jekk toqgħod fit-tul għad-dell, bħala eżempju bejn il-bini, jista' jikkawża ħruq lil persuna sensittiva f'jum meta l-indiċi UV jkun għoli.

Oqgħod attent biex ma tikkalkulax ħażin ir-radjazzjoni UV li tkun qed tgħaddi mis-sħab.

Għalkemm ir-raġġi UV huma meħtieġa biex il-ġisem jagħmel il-vitamina D, ħafna ħin f'dawn ir-raġġi jikkawża l-effetti ħżiena msemmija aktar qabel.

**Prekawzjonjiet Sempliċi**
Iż-żieda fil-kankru tal-ġilda fl-aħħar snin hija mqabbla ħafna ma' attivita' popolari u espożizzjoni ta' rikreazzjoni fuq barra. Espożizzjoni żejda għad-dawl tax-xemx hija l-kawża ta' effetti ħżiena fuq il-ġilda, għajnejn u s-sistema immunitarja. Esperti jemmnu li erba minn kull ħames kankri tal-ġilda jistgħu jiġi skansati, għaliex aktarx li ħsara mill-UV tista' tiġi skansata.

L-addozzjoni ta' dawn il-prekawzjonijiet sempliċi tista' tagħmel id-differenza kollha. Dell, ħwejjeġ u kpiepel jagħtu l-aħjar ħarsien. L-użu ta' krema kontra x-xemx huwa meħtieġ fuq dawk il-partijiet mikxufa tal-ġisem bħal ma huma l-wiċċ u l-idejn. L-użu ta' din il-krema m'għandux isir biex intawwlu l-ħin li noqgħodu fix-xemx.

**Illimitaw il-ħin fix-xemx ta' Nofs in-Nhar**
Ir-raġġi tax-xemx ikunu fl-aqwa tagħhom bejn il-1100 u t-3.00 ta' wara nofs in-nhar. Illimitaw l-espożizzjoni kemm tistgħu f'dawn il-ħinijiet. **ĦARSU T-TRABI U T-TFAL ŻGĦAR: DAN HUWA PARTIKOLARMENT IMPORTANTI.**

**Attenti għall-indiċi UV**
Din l-għajn importanti tgħinek biex tippjana l-attivitajiet tiegħek fuq barra b'mod li tiskansa espożizzjoni żejda għar-raġġi tax-xemx.

Waqt li dejjem għġandek tieħu prekawzjonijiet kontra espożizzjoni żejda, ħu kura speċjali biex taddotta prattiċi ta' sigurta' meta l-indiċi UV jbassar espożizzjoni ta' 3 jew aktar.

**L-indiċi UV jista':**
· Isalvalek ħajtek
· Iħarislek saħħtek
· Jgħin li jżommlok ġilda żagħżugħa

**Uża d-dell bil-għaqal**
Fittex id-dell meta r-raġġi UV jkunu l-aktar qawwija, imma żomm f'moħħok li strutturi li jagħmlu d-dell bħal ma huma siġar, umbrellel jew tined ma joffrux ħarsien sħiħ kontra x-xemx.

**Ilbes ilbies protettiv**
Kappell b'faldi wiesha joffri ħarsien tajjeb kontra x-xemx għal għajnejk, widnejk, għajnejk, dahrek jew għonqok. Nuċċalijiet tax-xemx li jagħtu ħarsien ta' 99 sa 100 fil-mija kontra UVA u UVB inaqqsu ħafna l-ħsara mix-xemx għall-għajnejn. Ħwejjeġ bi drapp minsuġ issikkat li jiġukom wiesha joffru ħarsien aktar mix-xemx.

**Uża krema kontra x-xemx**
Uża krema bi spettru wiesha ta' fattur ta' ħarsien **20+** u erġa' għamilha kull sagħtejn, jew wara li taħdem, tgħum, tilgħab jew tagħmel eżeerċizzju barra.

Ammonti żgħar ta' UV huma tajba għan-nies u essenzjali għal-produzzjoni tal-vitamina D.

Radjazzjoni UV tintuża wkoll biex tittrattta numru ta' mard, inklużi rakitiżmu, psorjasi, ekżema u suffejra. Dan isir taħt superviżjoni medika u l-benefiċċji tat-trattament għandhom xeħta li jkunu akbar mir-riskji ta' espożizzjoni għar-radjazzjoni UV.

Espożizzjoni żejda għar-radjazzjoni tax-xemx tista' tirriżulta f'effetti akuti u serji fis-saħħa tal-ġilda, ta' l-għajnejn u tas-sistema immunitarja.

It-tfal huma fi stat dinamiku ta' tkabbir, u huma għalhekk aktar suxxettibbli mill-kbar għal theddid ambjentali. Ħafna mill-funzjonijiet vitali bħal ma huma s-sistema immunitarja ma jkunux żviluppaw għal kollox mat-twelid, u ambjent mhux żgur jista' jfixkel l-iżvilupp normali tagħhom.

Ħafna jemmnu li huma biss il-ġinġrin li għandhom jitħassbu minnn espożizzjoni żejda fix-xemx.

Ġilda skura għandha aktar kulur melanin protettiv, l-inċidenza tal-kankru tal-ġilda huwa anqas f'dawk ta' ġilda skura. Madankollu, kankri tal-ġilda jiġru wkoll f'dan il-grupp u sfortunatament jindunaw bihom fi stadju aktar tard u perikoluż.

Ir-riskju ta' effetti ta' saħħa tal-UV fuq l-għajnejn u s-sistema immunitarja huwa indipendenti mit-tip tal-ġilda.

**Livelli UV**
Meta l-indiċi UV jkun minn **0 sa 2** ikun l-anqas u l-effett ikun ftit li xejn, u kappell ikun biżżejjed biex inħarsu lilna nfusna.

Meta l-indiċi UV jkun minn **3 sa 4** ikun baxx u l-effetti jkunu ftit, imma li nilbsu kappell u nidilku krema ta' mill-anqas fattur ta' ħarsien kontra x-xemx ta' 20 huwa mħeġġeġ.

Indiċi UV minn **5 sa 6** jkun moderat u ikollu effetti moderati. Flimkien mal-ħarsien imsemmi qabel, kulħadd huwa mħeġġeġ li joqgħod fid-dell.

Indiċi UV bejn **7 sa 9** jkun għoli u jkollu effetti qawwija. Flimkien mal-ħarsien imsemmi qabel, kulħadd huwa mħeġġeġ li joqgħod ġewwa bejn il-11 ta' filgħodu u t-3 ta' wara Nofs in-Nhar.

Indiċi UV **10 u 11+** ikun għoli ħafna u l-effetti jkunu qawwija ħafna. Flimkien mal-ħarsien kollu imsemmi qabel, kulħadd huwa mħeġġeġ li jibqa' ġewwa.

## BPL

Għalkemm jidher li dawk li jipprovdu l-internet f'Malta ma kienux interessati fil-BPL, huwa mportanti li naraw dak li qiegħed jiġi propost u r-reazzjoni biex issir il-BPL barra minn Malta.

Għal dan il-għan, aħna qiegħdin niġbru l-informazzjoni kollha li nsibu fuq is-suġġett u qed nagħmlu kollox fil-kompjuter tal-MARL.

L-aħħar żjiediet huma s-sottomissjonijiet proposti fl-Awstralja u tweġibiet minn dilettanti tar-radju, xandara, manifatturi ta' l-apparat, dipartimenti tad-difiża u tas-saħħa, u partijiet oħra interessati.

Waqt li qiegħdin fuq dan is-suġġett, naħseb li togħoġobkom it-tweġiba ta' David Sumner K1ZZ lil "Professjonist" li kien qiegħed jiddefendi l-BPL u kien iffrustrat sejjaħ lid-dilettanti tar-radju "qabda dilettanti bil-qiegħda misinformati li għadhom jużaw transmitters tal-valvi".

It-tweġiba ta' Sumner kienet "Id-dilettanti bnew l-arka. Il-Professjonisti bnew it-*Titanic*"

## BBQ

Is-Sibt 20.08.2005. Dettalji fuq il-paġna tal-MARL. Ejjew u,



Stampa mill-paġna tal-flying pigs club.